

Brussell, 23 ta' Mejju 2022  
(OR. fr)

9296/22

---

---

**Fajls Interistituzzjonali:**  
2018/0108(COD)  
2018/0107(COD)

---

---

COPEN 206  
JAI 702  
CYBER 184  
JAIEX 58  
ENFOPOL 287  
TELECOM 239  
DATAPROTECT 168  
EJUSTICE 56  
MI 416  
CODEC 767

#### **NOTA**

---

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	8484/22 8485/22
Suġġett:	Regolament dwar l-Ordnijiet ta' Produzzjoni u ta' Preservazzjoni Ewropej għall-evidenza elettronika Direttiva dwar ir-rappreżentanti legali għall-ġbir ta' evidenza - Rapport dwar il-progress

---

#### *Kuntest ġenerali*

Dawn iż-żewġ proposti għal regolament u direttiva ġew adottati mill-Kummissjoni f'April 2018. Wara l-adozzjoni ta' approċċ ġenerali mill-Kunsill u rapport mill-Parlament, bdew it-trilogi fi Frar 2021. Sa mill-bidu kien hemm differenzi fil-fehmiet bejn il-koleġiżlaturi dwar ċerti aspetti ewlenin tat-testi. Il-progress tan-negozjati kien pjuttost bil-mod.

## Proċedura

Rapport dwar il-progress tal-ħidma ġie ppreżentat lill-Kunsill (ĠAI) f'Marzu li għadda<sup>1</sup>. Minn dakinhar, il-Presidenza kompliet tintensifika l-isforzi tagħha biex jintlaħaq ftehim mal-Parlament.

Dan tal-aħħar iddikjara f'Marzu li ma kienx lest jerġa' jibda l-ħidma fil-livell tekniku jekk mhux bil-kundizzjoni li l-Kunsill jirreaġixxi formalment u bil-miktub għall-proposti tiegħu. Għalhekk, fit-18 ta' Marzu l-Coreper approva ittra formali ta' tweġiba<sup>2</sup> għall-proposti tal-Parlament li ntbagħtet lir-Rapporteur tal-Parlament. Fit-tweġiba tagħha r-Rapporteur issottolinjat id-differenzi sostanzjali li baqa' bejn il-pożizzjonijiet tal-koleġiżlaturi, b'mod partikolari fir-rigward tar-regoli dwar is-sistema ta' notifika tal-ordnijiet.

Wara bosta kuntatti u proposti addizzjonali mill-Presidenza, il-ħidma fil-livell tekniku ssoktat u saret laqgħa interistituzzjonali fil-Parlament fis-17 ta' Mejju. Il-Presidenza insistiet għall-ħolqien ta' skeda ta' diskussjonijiet regolari, li tinkoraġġixxi progress gradwali u effettiv fid-diskussjonijiet. B'hekk setgħu jiġu skedati aktar laqgħat tekniċi, bid-diskussjonijiet fil-livell politiku jissoktaw fl-14 ta' Ġunju. Id-diskussjonijiet ser isiru fi spirtu ta' kooperazzjoni, iżda l-biċċa l-kbira tad-differenzi fil-fehmiet għadhom jippersistu.

Il-grupp ta' ħidma rilevanti (COPEN) kif ukoll il-COREPER ġew infurmati u kkonsultati regolarment matul in-negozjati mal-Parlament.

## Fis-sustanza

Il-Presidenza tqis li hemm xewqa miż-żewġ naħat li jinstabu kompromessi li jkunu aċċettabbli għall-koleġiżlaturi. Jistgħu jinstabu soluzzjonijiet fuq il-biċċa l-kbira tal-artikoli. Il-Presidenza ħadmet sabiex id-diskussjonijiet ikopru s-suġġetti kollha mqajma minn dawn l-abbozzi u li ma jiffukawx biss fuq il-kwistjonijiet li l-koleġiżlaturi huma l-aktar imbegħdin dwarhom. Dan l-approċċ komprensiv ta r-riżultat mixtieq u s-suġġetti kollha issa jinsabu fuq l-aġenda tal-laqgħat tekniċi li qed isiru mal-Parlament.

---

<sup>1</sup> 6322/22.

<sup>2</sup> 7106/22.

Madankollu, għad hemm diverġenzi importanti, b'mod partikolari fir-rigward ta':

- ir-regoli dwar is-sistema għan-notifika tal-mandati, li għalihom il-Parlament ikompli jesiġi sistema ta' notifiċi obbligatorja għall-ordnijiet kollha li jikkonċernaw data dwar it-traffiku jew data ta' kontenut, irrispettivament mill-għeruf fl-Istat emittenti tal-proċedura kriminali li għaliha huma indispensabbli. Il-Kunsill ma jidhirx li huwa f'pożizzjoni li japprova soluzzjoni bħal din;
- ir-regoli marbuta mar-reġim tal-protezzjoni tad-data, fejn għadhom dejjem miftuħa kwistjonijiet tekniċi u ta' sustanza;
- il-kontenut tal-lista ta' raġunijiet għar-rifjut tal-eżekuzzjoni ta' ordni ta' notifiċa.

B'mod ġenerali, il-Preżidenza dejjem enfasizzat li, filwaqt li titħares il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, għandu jiġi żgurat li ż-żewġ testi jibqgħu effettivi u jistgħu jiġu applikati faċilment. Għalhekk, kwalunkwe abbozz ta' compromess ser jiġi evalwat skont il-funzjonament ġenerali tal-mekkaniżmu li jirriżulta minnu.

### Prospetti

Bit-tkomplija reċenti tan-negozjati formali, il-ħidma qed tiegħu direzzjoni tajba, għalkemm għad fadal ħafna xi jsir. Il-Preżidenza ser tkompli bl-isforzi tagħha sa tmiem il-mandat tagħha biex isir progress fil-Kunsill kif ukoll fin-negozjati mal-Parlament u, jekk ikun meħtieġ, tippermetti lill-Preżidenza Ċeka li jmiss tissokta l-ħidma fl-aħjar kondizzjonijiet possibbli.